*Kitba tal-*
**Kan. Jos. Bonello**

# Bormla Kif Nafha Jien

## Tifkiriet ta' Tfuliti u Drawwiet li Spiċċaw

### Lil Bormla

*Niftakrek fl-aħjar tiegħek: kont tarbija*
*meta, belt ċkejkna, rbatt ħajti ma' ħajtek*
*u kbirt fi ħdanek. Bħal żagħżugħ li jqimek*
*imħabbti w qalbi tajtek.*

**Ġużè Chetcuti**

Jien twelidt Bormla fit-30 ta' Novembru, 1927, fi *Strada Toro* (illum Triq il-Gendus) li kienet magħrufa bħala Triq il-Baqar. Missieri Nazzarenu kien ħaddiem it-Tarzna bħala *sailmaker* (velier). Ommi Maria Antonietta Buhagiar bint il-Marmista Giovanni Buhagiar, dak li fost xogħlijiet tiegħu hemm il-paviment tal-Kolleġġjata ta' Bormla, il-famuż paviment tal-parroċċa taż-Żejtun u diversi lapidi sbieħ fil-Katidral ta' l-Imdina. Bdejt l-iskola għand il-*Freres*, il-*Brothers* ta' *De la Salle* fi Triq Buongiorno (illum Matty Grima). Niftakar lil Bro. Michael, Bro. Aloysius, Bro. Felix, Bro. Lambert eċċ. Fl-1949 dħalt is-Seminarju u sirt saċerdot fis-7 ta' Awissu, 1955, għalhekk niftakar sewwa l-Bormla qabel il-gwerra, Bormla fil-gwerra u Bormla wara l-gwerra.

### Bormla Qabel il-Gwerra

Fl-1938 Bormla kienet ferm differenti minn Bormla ta' llum. Qabel il-gwerra Bormla kienet fl-aqwa tagħha. Fis-Suq ta' Bormla kont issib



***Is-Suq il-Qadim qabel (Paolino Vassallo) il-gwerra ta' l-1940.***





kollox, l-aktar nhar ta' Ġimgħa meta tat-Tarzna kienu jieħdu l-paga. Ħafna Bormliżi kienu jaħdmu fit-Tarzna li kienet l-akbar industrija f'Malta, fejn ħaddiema minn kull rokna ta' Malta kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom.

Il-ħwienet kbar li llum hemm il-Belt Valletta, bħal *Cordina*, *Gio. Batta Delia*, *Capt. A. Caruana*, *Zammit & Sons* – kollha kienu għadhom Bormla. Il-kummerċ kien enormi bi ħwienet sbieħ u kbar bħal *Fava*, *Calleja*, ir-*Rina*, is-*Sluta*, *Toni ta' Santu*, *Pavia*, *Gauda* eċċ. Kellna tliet swali tat-*talkies*, ir-*Rialto*, ir-*Rio* u l-*Windsor* li kienu ferm popolari l-aktar man-nies tal-Kottonera.

Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna kien *full up*, 16-il Kanonku: ħafna minnhom magħrufa għall-ħidma pastorali fost il-poplu Bormliż. Il-Banda San Ġorġ kienet waħda mill-aktar imfittxija u popolari ta' Malta. Is-snin tletin kienu snin tad-deheb għall-qaddiefa Bormliżi li ta' spiss kienu r-rebbieħa tar-Regatta tat-8 ta' Settembru. Il-futbol ukoll kien fl-aqwa tiegħu b'pika kbira bejn St. George's u l-Floriana F.C. Niftakru li l-Bormliżi kienu l-ewwel nies li daħħlu l-futbol f'Malta. Dak iż-żmien, meta kont għadni żgħir, f'Bormla l-futbol kien iqanqal interess kbir. Niftakar il-Bagaga, Wenzu Gabarretta, Tagliaferro, il-Masu Hicks, il-Balolu eċċ.

Ma rridx inħalli barra l-Karnival. Fil-granet tal-Karnival f'Bormla kien ikun hawn ħafna allegrija u kienu jsiru l-ballijiet fir-*Rialto*. Il-Pjazza Paolino Vassallo (is-Suq) kienet tkun fgata bin-nies. Niftakar il-kostumi a' Cannavo – il-lampi, u l-baħrin tal-Karnival. F'Sibt il-Karnival, ta' tfal li konna, konna niġbru qabda laned u nduru t-toroq bihom b'ħafna għajjat u ħsejjes. Iżda bla dubju l-aktar ġurnata li konna nistennew kienet it-8 ta' Diċembru, festa tal-Kunċizzjoni. L-arja tal-festa kienet tinħass minn ġranet qabel. Għall-festa ħafna mid-djar kienu jitbajdu u jinżebgħu l-bibien u l-galleriji. Kemm kien jiddispjaċina meta tagħmel ix-xita!

Din il-ħajja Bormliża b'armonija ta' bejnietna spiċċat, nhar l-10 ta' Ġunju, 1940 meta Mussolini ddikjara l-gwerra. L-għada 11 ta' Ġunju matul it-tmien attakki li saru f'dan l-ewwel jum ta' gwerra ħafna bini ġġarraf f'Bormla u mietu n-nies. Dakinhar mhux biss Bormla iżda Malta u Għawdex sabu ruħhom f'taħbita ta' l-għaġeb. Bormla bdiet titbattal minnufih. Qamet għagħa kbira. Kulħadd beda jdabbar rasu f'inħawi oħra ta' Malta. Il-gwerra fniet il-kotra tal-Bormliżi fosthom il-familja tiegħi, u morna dakinhar stess lejn iż-Żejtun. B'danakollu l-qalb tal-Bormliżi bogħod minn Bormla baqgħet xorta marbuta u tħobb lil Bormla.

Fil-gwerra Bormla tfarrket kollha minbarra xi ftit djar 'l hawn u 'l hemm. Is-sura tagħha kienet tbikkik. Jgħidu li madwar il-parroċċa biss xteħtu mhux inqas minn 200 bomba. Waħda minnhom ħabtet mal-gwarniċ tal-kampnar tal-qanpiena l-kbira, ġarrfet għal kollox il-bini ta' quddiem mingħajr ma ntmesset il-knisja. Fost dik il-ħerba kollha l-knisja kolleġġjata baqgħet wieqfa: żgur li kien miraklu tal-Madonna. Il-knejjes l-oħra tal-Kottonera ntlaqtu bil-bombi, iżda s-Santwarju ta' l-Immakulata baqa' wieqaf fost tant rovini. bdiet tintuża n-niċċa li kien hemm fil-mina ta' Għajn Dwieli, fejn Dun Edward Zerafa u Dun Ġużepp Cassar kienu jqarru f'din in-niċċa. Ta' min jgħid li kien f'din in-niċċa li tgħammed Dun Vinċenz Balzan, li kien il-Kappillan tal-Gudja u l-Arċipriet tal-parroċċa taż-Żurrieq.

## Il-Pellegrinġġ tad-19 ta' Novembru 1944

Niftakar sewwa l-pellegrinaġġ tad-19 ta' Novembru 1944. Jiena, Victor Grech (illum

*Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Kunċizzjoni mill-Bażilka ta' Birkirkara għall-Kolleġġjata ta' Bormla.*



Monsinjur), Ġużeppi Zammit (illum Kanonku) u Ġużi Vella (li kien *Headteacher*) ħadna sehem matul il-pelleginaġġ kollu minn Birkirkara għal Bormla. Dan il-pellegrinaġġ, bil-kwadru Santwarju u l-istatwa tal-Kunċizzjoni għadda bil-mixi mill-Ħamrun, Marsa u Raħal Ġdid. It-toroq kollha kienu fgati bin-nies. Kien hemm mas-16-il banda. L-Għaqdiet reliġjużi, soċjali u politiċi ta' Malta kienu rappreżentati. Jgħid il-Kanonku Cassar "Malta pubblikament u solennement tat xiehda ta' qima u devozzjoni lejn Marija Immakulata." Kien veru trijonf tal-Madonna. Sewwa qal Ġużè Chetcuti: "Rajnik taqbad triqtek mill-belt li kennitek, mill-ġdid lura Bormla, il-belt li ħabbitek."

## Tifkiriet Oħra

1. Niftakar il-bulettini parrokkjali li jinbidlu meta kont tmur titqarben fi żmien l-Għid il-Kbir. L-iskop kien biex iżommu *record* tan-nies li jitqarbnu, u hekk il-Kurat kien ikun jaf kemm kienu ttraskurati li ma jmorrux il-knisja. Din id-drawwa llum spiċċat għal kollox.
2. Niftakar il-ħuġġieġa ta' San Ġwann li kienet issir fit-23 ta' Ġunju, lejlet il-festa ta' San Ġwann, li dak iż-żmien kienet festa kmandata. Kull siġġu qadim u biċċa għamara msewsa dritt għall-ħuġġieġa. Kienet issir ħuġġieġa fi *Strada Toro*, ħdejn l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, oħra fi Pjazza Santa Margerita u oħrajn fuq is-sur. F'Lapsi konna nagħmlu l-bandla u f'San Martin f'Novembru t-tfal kien ikollna l-borża ta' San Martin mimlija b'lewż, qastan, rummien, larinġ u xi qagħqa ta' l-għasel.
3. Niftakar il-laneċ li jwassluna mill-Birgu għall-Isla, u minn hemm għax-Xatt tal-Belt Valletta. Il-ħlas kien ikun ta' sold. F'baħar qawwi konna ninqdew bid-dgħajjes, kull dgħajsa tgħabbi 10 passiġġieri u żewġ barklori, iżda l-lanċa kienet iġġorr mal-mitt ruħ bilqiegħda. Sa ftit wara l-gwerra r-rigali lit-tfal kienu jingħataw mhux fil-Milied iżda fl-ewwel tas-sena. Dawn ir-rigali kienu jgħidulhom l-Istrina.
4. Niftakar il-Vjatku. Meta xi ħadd kien ikun wasal fl-aħħar ta' ħajtu kienet issir purċissjoni żgħira bis-Sagrament. Is-saċerdot kien joħroġ mill-knisja biex iqarben lill-marid li jkun wasal fl-aħħar, bandiera ħamra quddiem, tifel iċenċel qanpiena żgħira







*Funeral fi Triq Oratorju.*

f'idejh, għadd ta' tfal tnejn, tnejn bil-fanali f'idejhom, u ħafna rġiel wara l-qassis jgħidu r-Rużarju. Xita jew bnazzi, bil-lejl jew filgħodu, il-Vjatku kien joħroġ xorta, iżda meta tkun ix-xita s-saċerdot ikun fuq is-*suġġetta* merfugħ minn erba' rġiel. Is-*suġġetta* għadha tinsab fl-Awla tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna.

5. Meta jmut xi ħadd tal-familja l-ħabbata tinqala' mill-bieb li jkun jinżamm magħluq għal tlett ijiem. Mal-bieb kienet titwaħħal xi faxxa sewda u hekk kien isir ukoll mal-bibien tal-ħwienet tal-viċin. Il-funeral kien isir ferm differenti wieħed mill-ieħor. Tas-sinjuri kien isir bil-karru tal-prima klassi kollu skultura u ornamenti, jieħu sehem il-Kapitlu bil-mazza u fuq it-tebut ikun hemm faldrappa (biċċa bellus imżejna bil-gallun tad-deheb). Il-karru tal-mejtin kien ikun miġbud mill-inqas żewġ żwiemel. Mhux hekk tan-nies mhux sinjuri. Lanqas kienu jġibuhom il-knisja ta' Bormla iżda kollox kien isir fil-kappella taċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Kien hemm ukoll il-funeral imsejjaħ *Tal-Povri*. Dan il-funeral kien iħallsu l-Gvern. Għall-grazzja ta' Alla din id-differenza tal-funerali tas-sinjuri u tal-fqar spiċċat u llum il-funerali jsiru kollha xorta. Kienu żminijiet oħra.
6. Fil-Ġimgħa l-Kbira kienu jdoqqu ċ-ċuqlajta b'dak il-ħoss imkarkar tagħha. Din id-drawwa m'għadhiex issir. Ukoll f'Ħamis ix-Xirka fil-quddiesa flok il-qanpiena ż-żgħira kienet tindaqq ċuqlajta żgħira. Is-Sepulkru tal-lum huwa l-istess ta' qabel il-gwerra, iżda ż-żewġ anġli l-kbar huma dawk li kienu jintramaw fil-knisja ta' San Pawl. L-anġli l-antiki



***L-artal tar-Ripożizzjoni (is-Sepulkru) kif jintrama nhar Ħamis ix-Xirka.***

spiċċaw bil-gwerra. Niftakar ukoll il-viżti tas-seba' knejjes f'Ħamis ix-Xirka li kienu ħafna popolari f'Bormla. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira minn nofsinhar sat-tlieta kienet issir il-priedka tat-tliet sigħat fuq il-Passjoni ta' Kristu.

7. Qabel il-Konċilju Vatikan II il-Glorja kienet tingħad is-Sibt filgħodu meta jinkixfu l-kwadri u jerġgħu jibdew idoqqu l-qniepen. L-Irxoxt kien joħroġ il-Ħadd filgħodu kmieni wara l-quddiesa tal-5.00am u jidħol għall-ħabta tad-9.00am għall-quddiesa kantata ta' l-Għid. Illum il-purċissjoni ta' l-Għid issir f'ħinijiet differenti imma xorta għadha popolari ħafna.
8. Festa oħra f'Bormla devota u sabiħa kienet dik tal-Pentekoste. Kienet tibda b'Novena, disat ijiem b'kant tal-*Veni Creator* u bi priedka minn predikatur magħruf. Il-knisja tintrama bid-damask kollu, bil-linef tal-Kurċifiss. L-artal armat b'mod tassew sabiħ bil-famuża girlanda tal-fidda fin-nofs. L-adorazzjoni kienet tibda l-Ħadd b'purċissjoni żgħira filgħodu. Matul it-tlett ijiem ta' l-adorazzjoni kien isir il-mattutin kantat, quddiesa kantata u fl-aħħar isir paneġierku bit-Taljan. Il-purċissjoni kienet tkun ferm isbaħ mil-lum. Kienu jieħdu sehem l-Għaqdiet kollha tal-parroċċa u għadd kbir ta' saċerdoti barranin, il-Kapuċċini, il-Banda San Ġorġ u għadd kbir ta' fratelli.

Dawn huma ftit mit-tifkiriet ta' tfuliti. Nixtieq inżid aktar, iżda għal-lum biżżejjed. Jalla l-Bormliżi ta' warajna jkunu bħalna jgħożżu l-wirt li tawna missirijietna, bħalna jiddefendu dak kollu li hu Bormliż biex jikber dak li huwa sabiħ, ġust u nisrani.


Casha Florist

Albert Town,
Marsa



Mobile:
9940 8575
9947 4687



Pemar
Confectionery

We accept
party orders
sweets, wine & spirits
cigarettes
daily goods

St. Roque Street,
Cospicua
Mob. 9924 4580




